MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 29/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Borg Carmel**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Jintalab illi l-konvenut jigi ikkundannat ihallas l-ammont ta’ mija u sitta u tmenin lira maltija u seba u tletin centezmu (LM186.37) liema somma tirrapprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 01166 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Frar u Awissu 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Frar 2003, dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ili huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta illi l-konvenut gie debitament notifikat fit-30 ta' Mejju 2003 u ma pprezentax risposta ghalkemm ikkontesta t-talba permezz ta' verbal redatt mill-avukat tieghu fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2003 li permezz tieghu eccepixxa n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal billi l-konvenut jirrisjedi Malta u fil-mertu l-ammont gie saldat permezz ta' hlas permezz ta' cekk tad-19 ta' Mejju 2003.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici permezz taghha s-socjeta attrici cediet it-talba taghha inkwantu tikkoncerna s-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez;

Ikkunsidra;

Illi rigward l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni (sic) din ma gietx sostnuta bil-provi u ghalhekk it-Tribunal jichad l-istess;

Illi a fol 12 hemm kopja ta' ittra tal-avukat tal-konvenut Dr Mario Scerri li permezz taghha sar il-pagament ghas-saldu izda dan ma jaghmilhiex cara jekk hux ghas-saldu tas-sorte jew hux ukoll ghas-saldu tal-ispejjez ta' din il-kawza; billi hemm dubbju dan jimmilita kontra l-konvenut;

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tal-ispejjez ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------